**6 ta' Ġunju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Maġġur Henry L. Gatt

*versus*

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

**Appell mid-Deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali**

*Il-liġi dwar is-Sigurtà Soċjali tiddisponi illi jista' jsir appell quddiem l-Arbitru dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar id-deċiżjoni ta' xi*

*kwistjoni taħt l-artikolu 108 jew ta' talba taħt l-artikolu 109 tal-istess liġi;*

*Mhux leċitu li wieħed jagħti interpretazzjoni ristrettiva lill-kelma 'deċiżjoni' użata fil-liġi meta jidher ċar li l-leġislatur ried jagħti dritt ta' appell minn kull deċiżjoni tad-Direttur.*

Il-Qorti: – Rat l-ittra datata 30 ta' Awissu, 1988 mibgħuta għad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali lill-appellant Maġġur Henry L. Gatt li bih infurmah li l-pensjoni tiegħu ġiet riveduta u issa huwa intitolat għal R.P. (presumibilment *Retirement Pension*) mit-23 ta' Jannar, 1988 bir-rata ta' Lm5.93,5, fil-ġimgħa;

Rat id-deċiżjoni ta' l-Arbitru mogħtija fis-17 ta' Marzu, 1989, li biha wara li ra l-inkartament kollu, ra l-appell tal-*Major* Henry L. Gatt u ra r-risposta tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, iddikjara dan l-appell bħala irritu u null, salva kull azzjoni oħra kompetenti lill-appellant, *si et quatenus* a dana wara li kkunsidra li:

Jirriżulta li dan huwa appell mid-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali kkomunikata b'ittra tat-30 ta' Awissu, 1988, jirriżulta li din hija deċiżjoni meħuda fuq reviżjoni ta' *"retirement pension"*;

Issa huwa paċifiku li minn deċiżjoni ta' reviżjoni ma hemmx appell, billi l-artikolu fejn jittratta dwar reviżjoni mhux imsemmi fost l-artikoli li minnhom hemm appell;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Gatt ippreżentat fl-14 ta' April, 1989, li bih għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tiddeċidi u tiddikjara illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-Arbitru

dwar id-dritt ta' l-appell hija skorretta u konsegwentement tirrevoka l-istess deċiżjoni u terġa' tibgħat il-kwistjoni quddiem l-Arbitru biex din it-talba tiġi kkunsidrata skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħra tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat għall-kwistjoni jekk kienx skorrett l-Arbitru meta ddeċida li *ma hemmx* dritt ta' appell minn deċiżjoni ta' reviżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali kkomunikata lill-appellant b'ittra tat-30 ta' Awissu, 1988;

Ikkunsidrat:

Jidher li d-dritt ta' appell lill-Arbitru huwa regolat bl-art. 111(1) ta' l-Att Numru X ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali. Dan l-artikolu jiddisponi illi "jista' jsir appell quddiem l-Arbitru dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar id-deċiżjoni ta' xi kwistjoni taħt l-artikolu 108 jew ta' talba taħt l-artikolu 109 ta' dan l-Att kif ukoll minn xi deċiżjoni tad-Direttur mogħtija taħt il-*proviso* li hemm ma' l-artikolu 39 u taħt l-artikolu 70 ta' dan l-Att – (a) fuq talba ta' persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni tad-Direttur....."; 

Għandu jingħad mill-ewwel li l-każ preżenti evidentement ma jaqax taħt l-artikolu 108 u lanqas taħt il-*proviso* ta' l-artikolu 39 u lanqas taħt l-artikolu 70. Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk

il-każ preżenti jistax jiġi kkunsidrat bħala appell minn deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar id-deċiżjoni ta' xi talba taħt l-artikolu 109. Dan l-artikolu jiddisponi li "kull talba għall-benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna għandha titqies mid-Direttur li jista: – (a) jilqa' t-talba jew jiċħad it-talba.....";

Ikkunsidrat:

Jidher minn eżami tad-deċiżjoni appellata illi, skond l-Arbitur, billi deċiżjoni ta' reviżjoni hija kkontemplata fl-artikolu 113 u dan l-artikolu ma jissemmiex espressament fl-artikolu III fuq ċitat, allura ma hemmx lok ta' appell;

Il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, hi tal-fehma li l-kwistjoni li għandha quddiemha u li għandha tiġi deċiża minnha biex wieħed jara jekk hemmx lok ta' appell verament hija jekk id-deċiżjoni tad-Direttur kinetx fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar id-deċiżjoni ta' talba taħt l-artikolu 109;

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li l-liġi fl-artikolu III(1) hija ġenerika, – jista' jsir appell dwar kull deċiżjoni u dana fuq talba ta' persuna li tħoss ruħha aggravata **b'xi** deċiżjoni tad-Direttur. Deċiżjoni ta' reviżjoni mogħtija mid-Direttur l-istess tibqa' deċiżjoni tiegħu u għalhekk taqa' taħt il-kliem ġeneriċi "kull deċiżjoni", "b'xi deċiżjoni" użati fl-art. III(1). Mhux leċitu li wieħed jagħti interpretazzjoni ristrettiva lill-kelma "deċiżjoni" użata fl-art. III(1) meta mill-kliem li jakkompanjawha jidher ċar li l-leġislatur ried jagħti dritt ta' appell minn kull deċiżjoni tad-Direttur. Fil-kliem ta' l-art. 113 id-

Direttur jista' jagħti "deċiżjoni riveduta", kif għamel f'dan il-każ. Għalhekk l-istess din ir-reviżjoni magħmula minnu ssir b'deċiżjoni, – deċiżjoni dina li fil-fehma tal-Qorti mhux eskluża mill-kliem ġeneriċi *użati fl-artikolu* III(1). Naturalment anke fil-każ ta' deċiżjoni riveduta bħal f'dan il-każ, biex wieħed jara jekk hemmx lok ta' appell, wieħed dejjem għandu jara jekk taqax taħt il-kliem ta' l-art. III(1);

Kwindi l-Qorti ma tistax taqbel mar-raġuni indikata mill-Arbitru *fid-deċiżjoni tiegħu biex wasal għall-konklużjoni li l-*appell huwa rritu u null;

Ikkunsidrat:

L-appellat qiegħed jissottmetti illi kif jidher minn eżami ta' l-art. 113, id-Direttur jista' jagħti deċiżjoni riveduta billi meta ngħatat l-ewwel deċiżjoni ma kienx magħruf xi fatt materjali jew din l-ewwel deċiżjoni kienet ibbażata fuq żball dwar xi fatt materjali jew mid-data tad-deċiżjoni sar xi tibdil rilevanti taċ-ċirkostanzi. Il-Qorti taqbel ma' dan iżda tirrileva li fid-deċiżjoni riveduta (ara ittra tat-30 *ta'* Awissu, *1988*). Id-Direttur informa biss lill-appellant li l-pożizzjoni kienet qed tiġi riveduta u li kien intitolat għall-"R.P." (presumibbliment *"retirement pension")* bir-rata *ta'* Lm5.93,5 fil-ġimgħa. Ma *hux* qed *jingħad li r-*reviżjoni saret minħabba li ma kienx magħruf xi fatt materjali jew minħabba xi żball fuq xi fatt materjali jew xi tibdil rilevanti *ta' ċirkustanzi,* u *għalhekk ma jistax jingħad mill-atti li qegħdin* quddiem il-Qorti għaliex id-Direttur ta d-deċiżjoni riveduta. Min-naħa l-oħra jidher li l-appellant qiegħed jippretendi li skond id-dispożizzjonijiet minnu ċitati huwa intitolat għall-pensjoni ta' Lm19.60 u kwindi minn dak li qed jissottometti jidher li hemm

punt ta' liġi involut fil-kwistjoni bejn il-kontendenti li tifforma l-meritu tad-deċiżjoni tad-Direttur. Fl-istat tal-proċess kif jinsab quddiem il-Qorti, hija għalhekk ma tistax teskludi d-dritt ta' appell;

Il-Qorti tixtieq iżżid għal kwalunkwe *buon fini* li hija ma qiegħda tesprimi ruħha bl-ebda mod dwar il-meritu ta' l-appell li jibqa' impreġudikat għaż-żewġ kontendenti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Maġġur Henry L. Gatt billi tiddikjara li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Arbitru dwar id-dritt ta' appell hija skorretta u konsegwentement tirrevoka l-istess deċiżjoni ta' l-Arbitru u terġa' tibgħat lura l-kwistjoni quddiemu biex tiġi kkunsidrata skond il-liġi. L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.